L-Orizzont

LORNA VASSALLO

Data tal-Pubblikazzjoni: Il-Gimgha, 21 ta' Novembru, 2003

## Non-Entità

Bhal hafna minnkom segwejt lill-Prim Ministru jitkellem mal-Korpi Kostitwiti fuq Xandir Malta, nhar it-Tlieta li ghaddew fil-programm Bondi+. Il-Prim Ministru deher bniedem ghajjien wahdu wahdu. Dak kollu li ghad baqa' f'Fenech Adami jibqa' biss l-arti li jizvija lil ta' quddiemu, ta' kif jipprova jwahhal it-tort f'haddiehor ghal dak li kkawza hu u li jidhak bin-nies.

Is-sitwazzjoni fil-pajjiz ftit li xejn tista' tkun aghar – avolja ma' gvern bhal dan qatt ma tista' tghid li tmiss il-qiegh ghax malajr issib qiegh iktar 'l isfel! Il-gvern, immexxi minn Fenech Adami wasal biex, minkejja l-makakkerija li ggwadanja matul iz-zmien li ilu jokkupa bhala gvern li jdur mal-lewza jew jitmellah bil-poplu, xorta wasal f'punt li lanqas biss jista' jahbi l-effetti hziena tal-politika tieghu mill-poplu.

F'diversi waqtiet il-PM semma li "ma nistghux naharbu mill-problemi aktar" u li "issa gawdejna s'hawnhekk u ma nistghux nibqghu ngawdu ghal dejjem.", ghal dawn iz-zewg kummenti jiena nistaqsi l-ewwelnett min kien qieghed jahrab mill-problemi – jekk hux il-Gvern jew il-poplu? Donnu nesa l-PM kemm heba kollox qabel l-elezzjoni – imma issa ma ninsewx li l-voti ntefghu gol-kaxxa! Malli jintefghu gol-kaxxa dawk johorgu hafna veritajiet! U t-tieni mistoqsija tieghi hija: "Min gawda? U min se jbati? U d-deficit… l-ikbar problema tal-pajjiz… min ikkawzah? Jaqaw issa li gawdew il-"hbieb tal-hbieb" se jbatih kulhadd?"

Jekk wiehed janalizza sewwa kliem il-PM jinduna li hlief iwahhal f'dik u fl-ohra ma ghamilx. Fejn qabillu qal li ghax Malta ghadha ma dahlitx fl-Unjoni u fejn qabillu qal li m'ghandux x'jaqdsam ma' l-Unjoni. Wahhal fil-fenomenu tal-globalizzazzjoni biex jiskuza n-nuqqas ta' kompetittività. M'iniex se nkun jien li nqabbel x'qieghed jghid issa l-PM u x'qal qabel l-elezzjoni. M'ghandi l-ebda dubju li siltiet minn dawk li ntqalu l-bierah se jkunu famuzi iktar mill-kliem ta' JFK!

U bilhaqq! Il-bierah laqatni wkoll bi kbir l-ispirtu "Kennedjan" li kellu fuqu l-PM. Ma nafx ghal kemm-il mistoqsija rrisponda "il-mentalità ta' x'jista' jaghmel il-Gvern ghalik trid tinqata'!" U tabilhaqq qieghed jemmen bis-shih f'din il-frazi. U miskin qieghed joghroq biex jghallem lill-poplu Malti biex jahseb fih innifsu u ma jistenna xejn minghand il-gvern.

Skuza ohra li gab il-PM kemm-il darba hija l-ispejjez; specjalment fil-kaz ta' l-Isptar tal-Qroqq. Flok ma jghid u jammetti x'imkien li kien huwa u l-ministri tieghu li ppjanaw hazin (li "ma meddewx saqajhom skond il-friex", kif jghidilna Gherf il-Malti) jghidilna li jahasra ghadna ma nafux kemm jigi jiswa l-Isptar! U ghadhom ma jafux s'issa! Nahseb kull wiehed u wahda minna nafdaw il-kont tal-bank personali taghna f'idejn il-PM kieku jkollna nafdawh! Ghax ghandna garanzija li jekk ikollna biex nixtru *Mini Minor* malajr imur jixtri Mercedes bihom! L-ironija hija però, li hajjithna tiddependi minn dan il-bniedem u huwa l-iktar persuna li tista' taffettwalna l-kont tal-bank – u fil-fatt hi hekk qed taghmel!

Skuza ohra li gab il-PM hi li ma jafx! Dhakt dahka meta smajt rapprezentant tal-bdiewa jghidli l-istorja ta' meta l-bdiewa gew imgieghla jhallsu tant it-tomna biex minghalihom l-art issir taghhom. Niftakarhom jghidu li marru l-Baviera fl-erbgha ta' fil-ghodu! Nametti li rari ssib xi haga li ddahqek daqshekk fil-hajja milli tara lill-poplu mmexxi daqshekk minn imniehru! Obdewh lill-gvern iktar milli jobdi kelb imsawwat! Raqdu fuq l-ghatba tad-Dipartiment tal-Gvern biex forsi xi darba tigihom tajba, u xorta giethom hazina! Però, skond il-PM ma jafx fejn marru l-miljun Lira mwieghda lill-bdiewa li qatt ma nghatawlhom!

Intervent iehor interessanti kien ta' l-*MHRA* (Ghaqda tal-Lukandiera u Restoranti). Il-PM fil-pront hareg karta mill-glekk bil-kamera mdawra lejh tant ma kienx qed janticipa l-mistoqsija. Winston Zahra baqa' jmerih li l-istatistika mhix tajba u fl-isfond stajna naraw lil Lou Bondi nnifsu jiccekkja ma l-informazzjoni tieghu u jipprova jifhem x'qed ihawwad il-PM.

Il-popolazzjoni wkoll giet f'mohh il-PM bhala skuza ohra. Però, li kien hemm perikoluz fl-ahhar tal-programm kien li bdew johorgu ideat godda kemm minn mohh il-PM kif ukoll minn mohh ir-rapprezentanti tal-korpi kostitwiti. F'daqqa wahda ssemma l-fatt li jistghu jitnaqqsu l-festi pubblici jew l-istipendji. Dan jaqaw xi preludju ta' x'se jigri fis-sensiela li jmiss?

U kif kien xieraq il-qofol intlahaq fl-ahhar tal-programm! Meta kelliem stqarr li l-Università ma ghandhiex biex tixtri ktieb wiehed! Li kien tad-dahk din id-darba kienet ukoll ir-reazzjoni kemm tal-PM kif ukoll ta' Lou Bondi! Tant kienet kbira l-qatgha ta' kulhadd li ghal mument kien hemm minuta silenzju – imbaghad il-PM ghamel tentattivi qawwija biex jizgicca mill-mistoqsija – imma kienet l-istess kurzità ta' Bondi li gieghlet lill-gurnalist jiccekkja jekk kienx fehem tajjeb jew hazin! Ghalkemm sa certu punt incident bhal dan juri kemm, kif qalet rapprezentanta tal-Kunsill taz-Zghazagh, m'hemmx djalogu – ghax affarijiet bhal dawn m'ghandniex insiru nafu bihom fuq programm televiziv – min-naha l-ohra dikjarazzjoni bhal din kienet qatghet fil-laham il-haj u xxukkjat. Kienet ic-cirasa fuq il-kejk. Jaqaw se jerga' jkolli ragun fuq l-Università? Ghajb ghal dawk li qeghdin jittamaw li jkollhom xi tlett itfal l-Università jekk dak li qieghda nibza' minnu jien jigri! Imma wara kollox – li jonqsu l-istipendji l-PM qalha issa, mhux jien! Ir-rizultat tat-*televoting* kulhadd jaf x'kien. 72% qalu li l-gvern mhux qed iwettaq dak li wieghed. Il-kumplament nahseb li kienu mhallsa biex jivvutaw jew inkella ghandhom xi problema tal-vista.

Però, l-ahhar mistoqsija tieghi hija wahda. Billi l-PM ghamel programm shih iwahhal f'dik u fl-ohra, u jiftahar f'li m'ghandux kontroll fuq is-sitwazzjoni – x'qed jaghmel hemm? Ghalxiex qed jithallas minn flus il-poplu? Jekk il-korpi kostitwiti se jkunu huma li jsolvu l-problemi tal-pajjiz – allura, xoghol il-PM x'inhu? Mela dan non-entità? Jew xoghlu biss johloq il-problemi halli jsolvihomlu haddiehor?

*Ghal kummenti jew suggerimenti iktbuli fuq lornav@onvol.net*